# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 10**

**Rikors numru 829/21/2 AD**

**Mashuk Miah u Sajna Begum**

**v.**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Imigrazzjoni, il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għall-kull interess li jista' jkollu u l-Avukat tal-Istat għall-kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Ottubru 2022 li permezz tagħha l-Qorti ċaħdet talbiet biex tistħarreġ għemil amministrattiv. L-atturi talbu lill-Ewwel Qorti tistħarreġ jekk id-deċiżjoni min-naħa tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex il-

pożizzjoni tal-attriċi f'Malta ma tiġix regolarizzata tikkostitwixxix għemil amministrattiv fit-termini tal-Artikolu 469A(2), u, fil-każ illi huwa hekk, tindaga jekk tali deċiżjoni tteħditx bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(a) u 469A(1)(b)(iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi *inter alia* tmur kontra d-dritt fundamentali tar-rikorrenti għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja.

2. Il-fatti li taw lok għall-kawża huma dawn:

2.1 L-atturi żżewġu fit-18 ta' April 2008 fil-Bangladesh.

2.2 Fis-sena 2017, l-attriċi Begum applikat għal *single-work permit* waqt li kienet għadha tirrisjedi barra minn Malta, sabiex tiġi taħdem Malta. Din l-applikazzjoni ġiet aċċettata mill-Aġenzija Identity Malta, u kienet valida għal sena, jiġifieri sas-sena 2018. Ma jirriżulta minn imkien jekk, hekk kif skada r-*residence permit* ta' Begum, din baqgħetx Malta jew telqitx mill-gżejjer Maltin. Jiġi senjalat f'dan il-punt illi minkejja illi, fl-affidavit tagħha, l-attriċi Begum tgħid illi hija applikat għal *family reunification*, mill-applikazzjoni suriferita dan ma jirriżultax illi kien il-każ; iżda jirriżulta illi applikat għal permess ta' residenza sabiex tibda taħdem f'Malta, u ċjoè dak illi huwa magħruf bħala *Single-Work Permit*.

2.3 Fis-sena 2019, l-attur applika għal *specific residence authorisation*, u f'din l-applikazzjoni indika illi huwa miżżewweġ, u li martu kienet il-Bagladesh. Din l-applikazzjoni ġiet aċċettata mill-Aġenzija Identity Malta.

2.4 L-attriċi tgħid fl-affidavit tagħha illi fis-sena 2019 ippruvat terġa' ġġedded il-permess ta' residenza tagħha a bażi ta' *family reunification*, iżda l-applikazzjoni tagħha ma ġietx aċċettata għaliex ma kellhiex visa valida sabiex tirrisjedi f'Malta. B'deċiżjoni tas-27 ta' Novembru 2019, ir-Refugee Appeals Board ċaħad it-talba tagħha sabiex tingħata *status* ta' refuġjata, jew protezzjoni sussidjarja. B'ittra datata 22 ta' Mejju 2020 mibgħuta minn Dalli Paris Advocates l-attriċi talbet lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni tagħha f'Malta sabiex tkun tista' tintavola applikazzjoni mal-Identity Malta għal xi tip ta' *residence permit*, abbażi tal-fatt illi żewġha għandu *Specific Residence Authorisation* ("SRA").

2.5 Permezz ta' *e-mail* risponsiva datata 13 ta' Awwissu 2020, l-atturi ġew infurmati illi l-*policy* dwar SRA hija implimentata mill-Aġenzija Identity Malta, u hija mogħtija biss lil min ikun hekk eliġibbli. L-atturi ġew infurmati wkoll illi sabiex wieħed japplika għal dan l-i*status*, għandu jirrikorri għand l-Aġenzija Identity Malta bid-dokumentazzjoni relattiva; iżda fil-każ illi l-applikazzjoni tagħha ma tiġix aċċettata,

Begum ikollha titlaq minn Malta u mit-territorju Schengen, sakemm ma tikkwalifikax għal xi tip ta' applikazzjoni oħra għal residenza f'Malta.

2.6 Permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 4364/2020 datata 16 ta' Diċembru 2020 mibgħuta lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, l-atturi interpellawh sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni ta' Begum f'Malta, billi jawtorizzaha tissottometti applikazzjoni mal-Aġenzija Identity Malta. Din l-ittra ġiet notifikata wkoll lill-istess Aġenzija.

2.7 Il-kawża preżenti ġiet miftuħa fid-19 ta' Awwissu 2021.

2.8 L-attriċi applikat mal-Aġenzija Identity Malta b'ittra tad-9 ta' Settembru 2021 biex tingħata permess ta' residenza a bażi ta' raġunijiet umanitarji, u ċjoè l-fatt illi kienet pendenti l-kawża odjerna.

2.9 L-applikazzjoni ta' Begum għall-permess ta' residenza ġiet rifjutata fit-2 ta' Diċembru 2021. Permezz ta' *e-mail* spedita mill-Aġenzija Identity Malta lil-legali tar-rikorrenti Begum, ġie indikat illi "*The application cannot be acceded to in view that Identity Malta Agency can only issue a residence document if the person is legally residing in Malta. The Immigration Act does not give Identity Malta Agency the power to regularise the immigration similar to that of Mrs Sanja Begum. Such power rests only in the discretion of the Principal Immigration*

*Officer whereby in this regard Mrs Begum has sought recourse to the Courts."*

2.10 Minn din id-deċiżjoni, Begum intavolat appell quddiem l-Immigration Appeals Board (Ref No IAB/RP/64/21) nhar is-sitta (6) ta' Diċembru 2021.

2.11 Permezz ta' *e-mail* datata erbatax (14) ta' Frar 2022, is-Supt Louise Calleja, fi ħdan is-Sezzjoni tal-Immigrazzjoni informat lil Dalli Paris Advocates illi l-uffiċċju ma kien irċieva ebda talba għal regolarizzazzjoni mingħand Begum wara l-*e-mail* tat-13 ta' Awwissu 2020, u li, fiċ-ċirkostanzi, il-pożizzjoni ta' Begum ma setgħetx tiġi regolarizzata.

2.12 Permezz ta' *e-mail* datata ħmistax (15) ta' Frar 2022, il-legali ta' Begum informaw lis-Supt Calleja illi, apparti l-kawża odjerna, Begum kellha wkoll pendenti l-appell quddiem l-Immigration Appeals Board rigward l-applikazzjoni a bażi ta' *humanitarian reasons* illi kienet ġiet miċħuda mill-Aġenzija Identity Malta.

3. L-atturi talbu lill-Qorti sabiex tiddeċiedi illi:

(1) Sajna Begum għandha raġuni għalfejn tibqa' Malta tul il-pendenza tas-smigħ u tordna lill-Uffiċjali Prinċipali tal-Immigrazzjoni jirregola l-pożizzjoni tagħha tul dan il-perjodu sabiex hija tkun tista' tkun preżenti u tiddefendi ruħha tul dawn il-proċeduri.

(2) Id-deċiżjoni min-naħa tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni tikkostitwixxi għemil amministrattiv *ai termini* tal-Artikolu 469A(2) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

(3) Dan l-għemil amministrattiv sar bi ksur tal-Artikolu 469A (1)(a) u 469A(1)(b)(iv) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi *inter alia* jmur kontra d-dritt fundamentali tar-rikorrenti għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja.

(4) It-talba tar-rikorrenti li tirregola l-pożizzjoni tagħha ġewwa Malta hija mistħoqqa u għandha tintlaqa' mill-intimat Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni.

4. L-Ewwel Qorti:

(1) Laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, u illiberathom mill-osservanza tal-ġudizzju.

(2) Laqgħet *in parte* t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u ddikjarat illi, *in kwantu* bbażata fuq l-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12, l-azzjoni tar-rikorrenti hija perenta.

(3) Laqgħet ir-raba' eċċezzjoni preliminari tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u ddikjarat illi l-Artikolu 469A(1)(a) ma jgħoddx għal din l-azzjoni, *stante* illi r-rikorrenti bbażaw l-ilment tagħhom fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti mill-Kap 4 tal-Kostituzzjoni u l-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

(4) Astjeniet milli tqis il-kumplament tal-eċċezzjonijiet imqajma mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni; u konsegwentement:

(5) Ċaħdet it-talbiet rikorrenti.

5. Permezz ta' rikors tat-3 ta' Novembru 2022, l-atturi sokkombenti appellaw mis-sentenza msemmija b'dawn l-aggravji:

**L-Ewwel Aggravju**

6. L-ewwel aggravju huwa li l-Ewwel Qorti kkontradixxiet lilha nfisha billi l-ewwel qalet li ma kinitx qiegħda tintalab dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet

tal-bniedem, imbagħad qalet li l-atturi żbaljaw meta bbażaw it-talba tagħhom fuq tali ksur.

7. Din il-Qorti ma ssib l-ebda kontradizzjoni fir-raġunar tal-Ewwel Qorti. Dak li qalet dik il-Qorti kien li t-talba tal-atturi ma kinitx abbażi tal-Art.46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta imma abbażi tal-Artikolu 469A(1)(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti kompliet tgħid li d-dispożizzjoni msemmija, meta tiffakoltizza stħarriġ dwar ksur tal-Kostituzzjoni, tirreferi għal ksur tal-Kostituzzjoni li ma jkunx ksur tad-drittijiet fundamentali u dan skont ġurisprudenza stabbilita minnha ċċitata. Għalhekk ikkonkludiet illi l-ilmenti tal-atturi ma jistgħux jiġu mistħarrġa minnha fil-kuntest tal-Artikolu 469A(1)(a).

**It-Tieni Aggravju**

8. Fil-parti tar-rikors tal-appell intestat "It-tieni aggravju", l-appellanti jiċċitaw ġurisprudenza li titratta l-ħtieġa tal-eżawriment ta' rimedji ordinarji li iżda la ġiet eċċepita mill-konvenuti u lanqas għamlet aċċenn għaliha l-Ewwel Qorti.

Dan l-aggravju huwa fieragħ għall-aħħar.

## It-Tielet Aggravju

9. Permezz tat-tielet aggravju, l-appellanti jilmentaw għal dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti, it-terminu ta' sitt xhur stipulat fl-Artikolu 469A(3) ma skadiex minħabba l-għemil, jew nuqqas ta' għemil kontinwat tal-Uffiċċjal Prinċipali li qiegħed isir ilment minnu.

10. Sewwa jirrilevaw l-appellati li l-appellanti ma qanqlux dan il-kweżit quddiem l-Ewwel Qorti. Għalhekk ma jistgħux jissollevawh quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni. Fi kwalunkwe każ l-aggravju huwa bla ebda bażi. Dwar l-iskattar tat-terminu, l-Ewwel Qorti qalet hekk:

> "37.Fil-każ odjern, id-deċiżjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ġiet mgħarrfa ll-atturi permezz t'e-mail datata tlettax (13) t'Awwissu 2020, fejn, b'risposta għat-talba illi saret permess t'ittra bonarja spedita mil-legali tar-rikorrenti lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tar-rikorrenti Begum f'Malta, l-Ispettur Darren Buhagiar mill-Immigration Section ikkonferma illi l-policy tal-SRA hija implimentata mill-Aġenzija Identity Malta, u li jekk tali applikazzjoni ma tiġix aċċettata, l-atturi trid titlaq mill-gżejjer Maltin u miż-Żona Schengen. Difatti, fl-ittra uffiċjali spedita ml-atturi lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, l-atturi interpellaw lill-Uffiċjal sabiex "jirregolaw il-pożizzjoni tagħha ġewwa Malta, billi tawtorizzaha tissottometti l-applikazzjoni relattiva ma' Identity Malta", b'dana illi jirriżulta b'mod ċar illi r-rikorrenti kienu ben konxji tal-fatt illi l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni kien diġa ċaħad it-talba tagħhom sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni ta' Begum f'Malta. In oltre, is-Supt. Louise Calleja tixhed ukoll, "Mela dwar it-talbiet sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni, l-immigration position ngħidulha, ta' Sajna Begum, kienet diġa' ntbagħtet risposta fit-13 ta' Awwissu 2020 fejn ġiet infurmata li ma ntlaqgħetx it-talba tagħha [...]"[1]. Għaldaqstant, din il-Qorti tikkonsidra illi huwa mit-tlettax (13) t'Awwissu 2020 illi bdew jiddekorru s-sitt xhur."

[1] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2022, a fol 152 tal-proċess quddiem l-Ewwel Qorti.

> 38.Tenut kont tal-fatt illi l-kawża odjerna ġiet intavolata f'Awwissu 2021, din il- Qorti taqbel mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni meta jeċċepixxi illi l- azzjoni odjerna hija perenta in kwantu tirrigwarda t-talba magħmula fit-termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(iv), u dan preċiżament għaliex kienet għaddiet kważi sena minn meta r-rikorrenti saret taf bl-egħmil amministrattiv tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, u cioe wisq aktar mis-sitt (6) xhur rikjesti mill-Artikolu 469A(3)."

11. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif in-nuqqas li jilmentaw minnu l-atturi huwa wieħed kontinwat. Mhux ikkontestat illi l-ilment huwa minn rifjut tal-applikazzjoni tal-attriċi li ġie kkomunikat lill-konvenuta permezz ta' ittra elettronika datata 13 ta' Awwissu 2020. Rifjut isir f'data u anzi mument partikolari u bl-ebda sforz tal-immaġinazzjoni ma jista' jitqies bħala att kontinwat.

**Ir-Raba' aggravju**

12. Ir-raba' aggravju huwa dwar il-mertu. Billi din il-Qorti ċaħdet l-aggravji l-oħrajn m'hemmx lok li titratta dan l-aggravju.

**Decide**

13. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, tiċħad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Ottubru 2022 fl-intier tagħha.

Bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da